MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA’ KUNSILL**

SEDUTA NRU. 18a

29 ta’ Ottubru 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 18 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f’Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 29 ta’ Ottubru 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta’ ittri ta’ apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista’ jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru.17 li saret fid-29 ta’ Settembru 2025 ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Estensjoni tas-servizzi minn Servizz.Gov (M/6/Vol V)

2.1.2. Dwar is-servizzi offruti minn Servizz.gov, is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li Servizz.gov jixtiequ jestendu s-servizzi tagħhom fil-Mellieħa billi jibdew joffru wkoll servizzi dwar it-taxxa.

2.1.3. Madanakollu, il-Kunsill ġie mgħarraf li kemm-il darba dan is-servizz jiżdied, l-uffiċju tas-Servizz.gov ikollu jiċċaqlaq mill-uffiċini tal-Kunsill għal post ieħor. Dan peress li biex jingħata dan is-servizz addizzjonali, ikun hemm il-bżonn li l-uffiċċju jkun jista’ jakkomodaw aktar membri tal-istaff minħabba ż-żieda fis-servizzi offruti.

2.1.4. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-Kunsill intalab jidentifika post alternattiv u kemm-il darba ma jinstabx post adattat, Servizz.gov lesti li joħorġu sejħa għall-offerti għall-kiri ta’ uffiċini fil-lokalità tal-Mellieħa.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Korsijiet tal-Ewwel Għajnuna fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1 Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li rċeviet talba minn xi residenti sabiex il-Kunsill jerġa’ jorganizza l-kors tal-Ewwel Għajnuna.

2.2.3. Hija qalet li hemm numru ta' residenti interessati biżżejjed biex tingħaqad klassi u l-ħsieb huwa li jsir f'Novembru.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1 Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li bdew il-kuntatti neċessarji sabiex l-ewwel ħarġa kulturali ssir waqt ix-xahar ta' Novembru 2025.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-11 ta' Ottubru 2025, saret l-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Komunità. Għal din il-laqgħa kienu preżenti flimkien miegħu l-Kunsilliera s-Sinjuri J. Buttigieg u E. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Surġent Ivan Mifsud u l-Kuntistabbli Charles Azzopardi Refalo.

2.4.3. Fost il-punti diskussi, is-Sindku qal li ssemmew:

(i) il-problema ta' klieb li jitħallew barra mingħajr ċinga u s-sidien li ma jġorrux borża magħhom u ma jnaddfux wara l-klieb tagħhom; is-Surġent issuġġerixxa li ssir post fuq il-midja soċjali dwar il-patrolling li qed isir min-naħa tal-Pulizija sabiex jiġi assigurat li ma jsirux abbużi mis-sidien tal-klieb fit-toroq u spazji pubbliċi;

(ii) id-dgħajjes li qed ikunu pparkjati f'diversi toroq fil-lokalità fosthom Dawret it-Tunnara, Ix-Xatt ta' Santa Marija, Triq Ġuże' Flores u Triq Mons. Ġużeppi Schembri. Is-Surġent issuġġerixxa li jkun għaqli li ssir Bye-Law dwar Karrijiet u Oġġetti Oħra ta' Ingombru bħalma għamel il-Kunsill ta' Wied il-Għajn sabiex il-Pulizija tkun tista' tieħu l-azzjoni meħtieġa fejn ikun hemm dgħajjes ipparkjati f'toroq jew spazji pubbliċi;

(iii) is-sewqan eċċessiv f'diversi toroq fil-Mellieħa u fil-Manikata u l-pressjoni li qed issir fuq il-Kunsill biex din il-materja tiġi indirizzat. Is-Surġent I. Mifsud qal li l-Pulizija qed ikunu f'dawk it-toroq fejn qed isiru dawn l-abbużi u inħarġu anke numru ta' ċitazzjonijiet. Huwa qal ukoll li l-Pulizija qed ikunu wkoll bl-ispeed guns fi Triq Lewis Wettinger. Is-Sindku G. Micallef min-naħa tiegħu qal li l-Kunsill għaddej b'kuntatti ma' Transport Malta dwar il-possibilità li f'dawn it-toroq, jew isiru bollards fin-nofs tat-triq jew inkella possibiliment xi raised plateaux biex is-sewwieqa jkunu mħeġġa jnaqqsu mill-veloċità. Huwa qal ukoll li l-Kunsill talab lil Transport Malta tagħti direzzjoni dwar l-ispeed limit stabbilit bil-liġi f'toroq li jinsabu fil-village core fil-lokalità;

(iv) it-trakkijiet kbar (heavy vehicles) li jgħaddu kontinwament mill-Manikata minkejja li dan hu ipprojbit. Is-Sindku saħaq għal aktar sorveljanza u assistenza kemm min-naħa tal-Pulizija kif ukoll min-naħa tal-LESA. Is-Sur C. Azzopardi Refalo qal li bħala Pulizija tal-Komunità jinżlu l-Manikata regolarment;

(v) is-sistema ta' One-Way fil-Ħdud u l-festi fi Triq il-Miżieb. Is-Surġent I. Mifsud qal li l-Pulizija qed ikunu preżenti kważi kull nhar ta' Ħadd sabiex jaraw li s-sewwieqa josservaw it-tabelli. Huwa qal li l-problema prinċipali huma l-vettura misjuqa minn barranin li sfortunatament sistemi ta' Global Positiong System (GPS) jiddireġuhom sabiex jgħaddu minn din it-triq flok toroq oħra prinċipali.

(vi) it-traffic management fil-pjazzetta ta' Triq it-Tgħam kantuniera ma' Triq Ta' Masrija. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva pjanta minn Transport Malta li turi kif ser ikun it-traffic management f'din il-pjazzetta issa li ngħatat it-tarmak. Is-Sindku qal li prattikament il-parking ser jibqa' kollu kif kien u ser jiżdied wieħed fejn traffic island li ser tiġi introdotta.

(vii) it-traffiku viċin l-iskola primarja fi Triq Selmun. Is-Surġent qal li fortunatament l-andament tat-traffiku f'din it-triq kemm ilha li l-iskola ġiet riallokata fil-Park tal-Familja miexi tajjeb għalkemm sfortunatament ikun hemm ġenituri li ma jikkoperawx mal-Pulizija. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill għamel talba lil Transport Malta biex fin-nofs ta' Triq Selmun isiru l-bollards biex ikun hemm aktar sigurtà u direzzjoni għas-sewwieqa.

(viii) il-permess ta' skips. Is-Surġent talab lill-Kunsill sabiex fil-permess li jinħarġu għat-tpoġġija ta' skips fit-toroq, fil-kundizzjonijiet ikun hemm imniżżel li l-iskips irid ikollhom id-dawl kemm-il darba jkunu ħa jibqgħu fit-toroq bil-lejl u biex ikun hemm klawsola li tgħid li t-tabelli tan-'No Parking' irid jitneħħew meta jispiċċa l-użu tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma diġa' mniżżla mal-kundizzjonijiet l-oħra tal-permessi.

(ix) is-sistema temporanja tal-One Way fi Triq Napuljun Caruana Dingli. Is-Sindku għarraf lill-Pulizija dwar it-talba li l-kuntrattur għamel lil Transport Malta u lill-Kunsill sabiex temporanjament parti minn Triq Napuljun Caruana Dingli ssir one-way peress li hemm il-bżonn li l-hoarding li qed jintuża mas-sit fejn qed isir l-iskavar marbut mal-proġett ta' skola ġdida, joħroġ aktar 'il barra fit-triq biex jiġi assigurat li jkun hemm aktar sigurtà waqt li qed jitqatta' l-blat f'dik il-parti tat-triq.

(x) Milied Mellieħi 2025. Is-Sindku għarraf lill-Pulizija tal-Komunità li din is-sena Milied Mellieħi ser isir bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru 2025 u dwar il-fatt li l-programm 'Bonġu Malta' li jixxandar fuq TVM ser ikun qed ixandar xandira diretta mill-Mellieħa l-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025. Huwa tkellem ukoll dwar l-importanza tal-preżenza tal-Pulizija fil-Festa tal-Qara' li l-Kunsill ser jorganizza fl-4 ta' Novembru u fil-mixja għal aktar għarfien dwar is-saħħa mentali u l-mard tas-sider li ser issir nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1 International Podiatry Day 2025 (K/1/3 Vol III)

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għamlet referenza għat-taħdita li saret fl-10 ta' Ottubru 2025 fis-sala Joseph Borg fl-okkażjoni tal-International Podiatry Day.

2.5.3. Hija qalet li din it-taħdita saret bil-kollaborazzjoni ta' Association of Podiatrists of Malta u ntlaqgħet tajjeb ferm mill-udjenza li kienet preżenti. Hija qalet li kienet taħdita interessanti ferm peress li ġew diskussi sitwazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-podjatrija kemm fl-adulti kif ukoll fit-tfal.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Taħriġ ta' Mental Health First Aid (E/3/1 Vol III)

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li huwa ħsieb tal-Kunsill li jorganizza sessjonijiet ta' taħriġ ta' Mental Health First Aid.

2.6.3. Fil-fatt hija qalet li sar kuntatt ma' Richmond Foundation fejn il-Kunsill talab aktar dettalji dwar dan it-tip ta' taħriġ.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. 'European Week of Region and Cities 2025' (F/3 Vol X)

2.7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar flimkien mal-Kunsilliera L. Darmanin qasmu mal-Kunsill l-esperjenza pożittiva li kellhom waqt il-konferenza 'European Week of Region and Cities 2025' li saret fi Brussell bejn it-13 u l-15 ta' Ottubru 2025.

2.7.3. Fil-fatt huma qalu li kien ħafna l-pożittiv li ħareġ minn din il-konferenza u rnexxielhom iżuru l-istalls kollha li kien hemm. Apparti minn hekk ħadu gost li matul dawn il-jiem, setgħu jaqsmu l-esperjenza tagħhom bħala Kunsilliera mal-parteċipanti l-oħra Maltin li attendew permezz tal-inizjattiva tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana.

2.7.4. Huma xtaqu jirringrazzjaw lill-Kunsill Reġjonali Tramuntana ta' din l-inizjattiva kif ukoll lill-Kunsill ta' din l-opportunità.

2.7.5. Il-Kunsillier E. Bartolo xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jaqsam mal-membri tal-Kunsill, informazzjoni dwar 'The EU Local Councillors Network'. Fil-fatt huwa qal li ser ikun qed jgħaddi link lil kull membru tal-Kunsill ta' dan in-network peress li jkun hemm konferenzi interessanti ferm immirati għall-Kunsilliera.

2.7.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.8.1. Is-Servizz mogħti minn 'School Grannies' (S/3/2)

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex xi applikazzjonijiet għas-Servizz ta' School Granny mis-seduta tal-Kunsill preċedenti sal-lum.

2.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li sfortunatament il-Kunsill ma rċeviex applikazzjonijiet.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.9.1. Jum l-Anzjani 2025 (A/1/1/Vol III )

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għamlet referenza għall-item 2.9.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti dwar il-'Jum Internazzjonali ddedikat għall-Anzjani'.

2.9.3. Hija qalet li l-Kunsill bħalma jagħmel kull sena, ippreżenta borża mimlija frott bnin lir-residenti kollha tad-Dar Residenzjali 'Madonna tal-Mellieħa' u żewġ torti tal-lewż li l-membri li jattendu ċ-Ċentru Anżjanità Attiva tal-Mellieħa setgħu jaqsmu bejniethom.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.10.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.10.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin xtaqet tfakkar li fis-26 ta' Novembru 2025, Ms Laura Marie Mercieca – RIGHTS Children's Council Cordinator (MFWS) tixtieq tiltaqa' mal-Kunsill f'għeluq l-ewwel sena mit-tnedija tal-Kunsill Lokali tat-Tfal tal-Mellieħa.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.11.1. Kampanja tat-Tilqim 2025: Tilqim kontra l-Influwenza, COVID-19 u mard Pnewmokokkali (PCV-20) (M/8)

2.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill għal darb'oħra ser joffri t-tilqim b'xejn kontra l-Influwenza, Covid-19 u mard Pnewmokokkali għar-residenti tal-Mellieħa u tal-Manikata bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana. It-tilqim ser ikun offruti lil dawk il-persuni minn ħamsa u ħamsin sena 'l fuq kif ukoll dawk il-persuni vulnerabbli.

2.11.3. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ġie avviċinat minn Dr. Thomas Calleja li wera x-xewqa li jagħti t-tilqim b'mod volontarju flimkien ma' tim ta' nurses li wkoll huma interessati joffru dan is-servizz.

2.11.4. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li r-reġistrazzjoni ser tkun miftuħa minn nhar it-Tnejn 3 sa nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2025. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb joħroġ l-avviżi kemm fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa kif ukoll fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata kif ukoll fuq il-midja soċjali.

2.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Tindif ta' Culverts (T/4/12/Vol II)**

2.12.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-item 2.12.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li t-tindif tal-culverts beda u għaddej b'ritmu tajjeb.

2.12.3. Is-Sindku xtaq jirringrazzja lill-Cleansing and Maintenance Division għax-xogħol tajjeb u siewi li qed iwettqu.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2025 (A/5/3/3 Vol V)**

3.1.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li ser isir bejn il-5 u d-9 ta' Novembru 2025.

3.1.3. Huwa ħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill joffru d-disponibbilità tagħhom sabiex joqogħdu fl-istand tal-Kunsill. Huwa qal li l-istaff tal-Kunsill ħejja roster u kull membru jista' jindika d-dati li jista' jkun disponibbli.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1 Mental Health Area fil-Bajja tal-Għadira (F/1/2/Vol XI)**

3.2.2. Is-Sindku G. Micallef u l-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għamlu referenza għall-item 3.2.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti, u għarfu li ltaqgħu mas-Sur Hamdi AbuRub iċ-Chief Executive Officer tal-Mellieħa Holiday Centre u ddiskutew miegħu l-ħsieb tal-Kunsill, li juża l-barbecue area fil-Bajja tal-Għadira għal 'Mental Health Area'.

3.2.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li s-Sur AbuRub deher interessat fil-proġett u bħala kumpanija lesti li jinvestu fih. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-art in kwistjoni hija art privata li tagħmel parti mill-konċessjoni li għandhom bħala lukanda.

3.2.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-posizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li jekk il-kumpanija jixtiequ jidħlu għal dan il-proġett, jidħlu għaliha huma jew jistgħu jidħlu għaliha flimkien mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Pero' huwa kien tal-fehma, li l-Kunsill m'għandux jutilizza l-fondi tiegħu sabiex jintroduċi inizjattiva fuq art privata.

3.2.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill ma jistax juża l-fondi pubbliċi tiegħu b'dan il-mod.

3.2.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-fondi t'aġġustament 2025 li l-Kunsill ngħata mal-allokazzjoni annwali għandhom jintużaw għall-għan ieħor.

3.2.7. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet li kemm-il darba l-kumpanija tinvesti u tagħmel dan il-proġett fuq l-art tagħha, il-pubbliku in ġenerali ħa jkun jista' jagħmel użu minn dan il-post.

3.2.8. Fl-istess waqt, il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk il-pubbliku in ġenerali hux ser jitħalla jibqa' jagħmel barbecues f'din l-area kemm-il darba jsir dan il-proġett.

3.2.9. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill fl-ebda ħin ma qal li ser juża fondi pubbliċi fuq art privata. Kien hemm biss il-ħsieb li dan is-sit ikun adattat ferm għall-benesseri tal-persuni li jiffrekwentawh u huwa kien ċert li kienet tkun inizjattiva ta' suċċess.

3.2.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għamel referenza għall-komunikat li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet mal-membri tal-Kunsill dwar topographic survey mitlub mill-Perit J. Attard.

3.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li dan is-survey jistabbilixxi l-ischeme alignment kif inhi fil-verità u l-Perit wara li jkollu dan is-survey f'idejh, ikun jista' jikkunsidra li jissuġġerixxi bidla fl-ischeme alignment. Dan peress li waqt onsite meeting li għalih kien hemm preżenti anke rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar, deher li l-alignment tat-triq fuq il-pjanti huwa aktar 'il barra milli hu fil-preżent. Kemm-il darba l-ġnien isir mal-alignment kif indikat fuq il-pjanti, Mons. F. Xuereb ser tidjieq u ħa jkun hemm telf ta' parking u problema ta' aċċessibilità.

3.3.4. Għal dan il-għan, is-Sur E. Bartolo qal li l-Perit importanti li jkollu dan is-survey f'idejh biex ikun jista' japplika li jkun hemm it-tibdil meħtieġ fl-alignment tat-triq.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)**

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fis-16 ta' Ottubru 2025 iltaqa' l-ewwel focus group. Min-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku G. Micallef, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri flimkien miegħu u inkoraġġixxa lill-membri l-oħra tal-Kunsill sabiex jattendu għat-tieni sessjoni. Id-data ser tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

3.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.5.1. Passaġġ bejn Triq is-Sagħtar u Triq l-Għerien (P/5/2/Vol III)**

3.5.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-item 3.5.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li numru ta' residenti li joqogħdu f'dawn l-inħawi avviċinaw lill-Kunsill peress li rċevew notifika mingħand is-sit tal-plot biswit it-taraġ li hemm propost f'dan is-sit.

3.5.3. Is-Sindku qal li n-notifika kienet 'Notice to other owners/third parties' dwar 'To propose the Construction of a Shared Access Route instead of a Stairway' u r-residenti huma konċernati peress li hemm il-ħsieb li tinbidel l-iskema tat-triq.

3.5.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg kien tal-fehma li l-Kunsill m'għandux jaqbel ma' dak li qed jiġi propost u li tinbidel l-ischeme tat-triq.

3.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li jagħmel osservazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar appena tippubblika pubblikament dan it-tibdil. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jagħmel kuntatt ma' Infrastructure Malta sabiex jiċċara l-posizzjoni u l-pjanijiet tagħha b'rabta ma' dan il-passaġġ.

**3.6.1 Ħtieġa ta' aktar Automated External Defibrillator (AED's) fil-Lokalità (M/8/Vol VIII)**

3.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li b'referenza għall-item numru 3.6.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti, saret is-sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jixtri tliet Automated External Defibrillators.

3.6.3. Hija ppreżentat l-iskeda lill-membri preżenti u l-Kunsill qabel li għandha tinħareġ Purchase Order lil OK Medical li kienet l-irħas kwotazzjoni u li ammontat għal €5,162.99c.

3.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.7.1. Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)

3.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa tkellem mal-Kappillan tal-Manikata Fr Matthew Pulis u qasam miegħu informazzjoni dwar dan il-proġett. Huwa qal li Fr Pulis kien favur dan il-proġett iżda talab li jinforma wkoll il-Kurja tal-Arċisqof u possibiliment iqabbad Perit min-naħa tiegħu biex issir verifikazzjoni min-naħa tal-Parroċċa qabel ma jibda l-proġett.

3.7.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk is-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet kinitx saret u s-Sindku wieġeb li s'issa ħarġet biss is-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' Inġinier. Fil-fatt l-Inġinier li kellu l-irħas kwotazzjoni – Light Design Solutions ħadem fuq id-disinn u fuq il-Bill of Quantities kif kienet titlob is-sejħa għall-kwotazzjonijiet.

3.7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fis-sejħa għall-offerti importanti li jkun hemm inkluża garanzija fuq l-apparat l-ġdid kollu.

3.7.5. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li tah l-Inġinier, hemm garanzija ta' għoxrin sena u commitment li wara għoxrin sena l-fittings xorta jibqgħu available.

3.7.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.8.1. Il-Ġbir tal-Iskart fil-Mellieħa (K/6/2/Vol VI)

3.8.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru 2025, huwa attenda l-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana li matulha saret diskussjoni fost oħrajn dwar is-sistema tal-ġbir tal-iskart fuq bażi reġjonali u l-problemi li qed jibqgħu jiltaqgħu magħhom il-lokalitajiet fi ħdan ir-reġjun.

3.8.3. Is-Sindku qal li għalkemm fit-30 ta' Awwissu 2025, il-Kunsill Reġjonali Tramuntana għamel konferenza stampa fejn għamel aċċenn għall-problemi kollha fis-sistema kif ukoll il-Kunsill Reġjonali Tramuntana kiteb uffiċjalment lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, sfortunatament jidher li s'issa mhu qed tittieħed l-ebda azzjoni konkreta fuq din il-problema.

3.8.4. Is-Sindku kompla billi qal li bħala Kunsill Reġjonali, kien hemm qbil li l-Kunsill Reġjonali għandu joħroġ pubblikament il-korrispondenza kollha li kien hemm u tibqa' ssir pressjoni fuq id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jibdew joħorġu l-multi lill-kuntrattur kemm-il darba jibqa' ma jirregolax ruħu. Huwa qal li sfortunatament, il-Kunsill Reġjonali talab li ssir laqgħa mad-Direttur Ġenerali iżda għadu ma rċeviex risposta.

3.8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tatx l-opinjoni jew il-parir tagħha fuq din is-sitwazzjoni.

3.8.6. Is-Sindku wieġeb li peress li f'din il-materja hemm imdaħla d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni mhux qed tieħu posizzjoni.

3.8.7. Fuq nota differenti, is-Sindku qal li ħafna sidien ta' stabbilimenti kummerċjali fil-Mellieħa, biddlu l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart tagħhom peress li l-kuntrattur preċedenti nformahom li ma setax ikompli joffri s-servizz.

3.8.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.9.1. 'European Heritage Days' (A/5/3/Vol XVI)

3.9.2. Dwar tmiem il-ġimgħa t'attivitajiet organizzata bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru 2025 minn Arkeo fl-irziezet ta' Selmun, is-Sindku qal li kien hemm attendenza sabiħa matul is-Sibt kif ukoll il-Ħadd.

3.9.3 Huwa qal ukoll li l-attivitajiet li saru kienu interessanti ferm u attivitajiet bħal dawn jawguraw tajjeb għall-avvenimenti simili fil-futur.

3.9.4. Il-Kunsill xtaq jirringrazzja lill-Arkeo għal din l-inizjattiva.

**3.10.1. Stazzjonar ta' Ambulanza fix-Xemxija (M/8/Vol VIII) u l-Ftuħ mill-Ġdid tal-Għassa tal-Mellieħa (P/9/Vol IV)**

3.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-5 ta' Ottubru 2025 huwa bagħat tfakkira kemm lill-Ministru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva kif ukoll lill-Ministru tal-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol dwar iż-żewġ talbiet imsemmija.

3.10.3. Huwa qal li l-Ministru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva wieġeb li l-Ministeru qed jaħdem sabiex tinstab soluzzjoni konkreta għat-Tramuntana ta' Malta filwaqt li dwar il-ftuħ tal-Għassa tal-Mellieħa, huwa rċieva telefonata mis-Surġent tal-Għassa tal-Qawra, dwar laqgħa li għandha ssir mal-Assistent Kummissarju.

3.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.11.1. 'Medieval Weekend' fl-Irziezet ta' Selmun (A/5/3/Vol XVI)**

3.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara s-suċċess li kellhom dan l-aħħar Anakron kif ukoll Arkeo bl-attivitajiet tagħhom fl-irziezet ta' Selmun, Anakron u Arkeo iddeċidew li jingħaqdu u jtellgħu flimkien tmiem il-ġimgħa t'attivitajiet fl-irziezet ta' Selmun. Id-dati huma bejn it-22 u t-23 ta' Novembru 2025.

3.11.3. Huwa qal ukoll li mhu ser ikun hemm l-ebda spejjeż involuti għall-Kunsill f'din l-attività.

3.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.12.1. Il-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

3.12.2. B'referenza għall-item 3.12.8. tal-minuti tas-seduta preċedenti, is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa bagħat tfakkira lis-Sur Jonathan Mallia – Advisor fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Sfortunatament, irċieva imejl mingħand is-Sur Mallia li kienet tgħid li s-Segretarju Permanenti ma kienx qed jidħol għax-xogħol minħabba problemi personali.

3.12.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jagħmel żewġ għażliet li huma:
(i) joħroġ is-sejħa għall-offerti sabiex isir il-fencing permanenti;
(ii) jistenna li jkollu risposta mill-Ministeru qabel jipproċedi.

3.12.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk bħala Ministeru tawx indikazzjoni ta' time-frames biex fil-każ il-Kunsill jiddeċiedi li jmur għal dik is-soluzzjoni li tirrimedja l-ewwel din is-sitwazzjoni.

3.12.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa jekk l-ewwel għażla tkopriex li jsir il-fencing fil-passaġġi wkoll. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jistenna r-risposta tal-Ministeru biex il-Kunsill jara x'inhuma lesti li jagħmlu.

3.12.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jirrimarka li bħalissa ċertu training li fih jieħdu sehem tfal żgħar, mhux qed isir minħabba li hemm nuqqas ta' sigurtà fil-court.

3.12.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba l-Kunsill imur għall-ewwel għażla hemm xorta il-fattur taż-żmien peress li biex il-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-offerti u jagħmel l-evalwazzjoni, eċċ, xorta ser jieħu ż-żmien.

3.12.8. Is-Sindku G. Micallef qal li s-sena l-oħra l-Kunsill inqeda bil-fencing temporanju u ssuġġerixxa li dan għandu jerġa' jsir sakemm tittieħed deċiżjoni finali. B'hekk attivitajiet sportivi fil-court ikunu jistgħu jibqgħu jsiru.

3.12.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li kemm-il darba l-Kunsill ser jagħmel fencing temporanju, isir fencing temporanju wkoll fil-passaġġi.

3.12.10. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-Kunsill jista' joħroġ is-sejħa għall-offerti sabiex isir il-fencing fil-court u t-temporanju jsir fil-passaġġi. Hawnhekk huwa xtaq jieħu l-okkażjoni sabiex jgħid li Selmun Sports Club talbu li jkunu jafu x'fih il-Bill of Quantities tal-court. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jżomm mad-deċiżjonijiet li ttieħdu diġa' f'dan ir-rigward.

3.12.11. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu mal-għaqdiet sportivi li jużaw il-court, ser jattendi wkoll il-Perit M. Casha li kien responsabbli mit-tfassil tal-Bill of Quantities tal-court. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ser jimxi mal-Bill of Quantities kif approvat mill-Kunsill.

3.12.12. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.13.1. Introduzzjoni ta' Cat Warning Signs (A/9/Vol II)

3.13.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill irċieva talba dwar il-ħtieġa li jitwaħħlu 'Cat Warning' signs matul Triq il-Fortizza ta' Campbell, f'Selmun.

3.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jitwaħħlu dawn it-tabelli.

### 3.14.1. Twaqqif ta' Fencing fi Ġnien il-Qigħan (P/5/2)

3.14.2. Il-Kunsilliera J. Buttigieg staqsa x'kien il-kontenut tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva matul Ottubru 2025 mingħand l-Ombudsman, dwar it-twaqqif ta' fencing fi Ġnien il-Qigħan.

3.14.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-Ombudsman irrefera għall-ittra mibgħuta mill-Kunsill dwar dan il-każ, u qal li peress li l-kwistjoni f'dan il-każ hija bejn il-Kunsill bħala lessee tal-post u CareMalta Ltd bħala l-okkupant tal-post, l-Awtorità tal-Artijiet tista' taġixxi biss bħala s-sid tal-art u għaldaqstant m'għandhiex kompetenza legali jew ġurisdizzjoni li tieħu xi azzjoni relatata mal-gate. Konsegwentement, l-Ombudsman ma sab l-ebda bażi biex ikompli jsegwi l-kwistjoni u għaldaqstant qed jikkunsidra dan il-każ magħluq.

3.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu jmur għand CareMalta Ltd u jiddiskuti l-kontenut ta' din il-korrispondenza b'mod amikevoli. Kemm-il darba l-Kunsill ma jasalx b'dan il-mod, ikollu jipproċedi b'mod legali.

### 3.15.1. Approvazzjoni ta' '15 Minutes Timed Parking' quddiem Jevon's Supermarket (T/3/2/Vol XIX)

3.15.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li jkollok aktar dettalji dwar l-approvazzjoni li Transport Malta tat lil Jevon's Supermarket għal '15 Minutes Timed Parking' quddiem l-istabbiliment tiegħu fi Triq Gorg Borg Olivier.

3.15.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill m'għamel l-ebda applikazzjoni min-naħa tiegħu f'dan ir-rigward. Fil-fatt, malli l-Kunsill irċieva dan il-komunikat, huwa kiteb lil Transport Malta u talab spjegazzjoni dwar din il-konċessjoni. Dan fid-dawl li fi Triq Gorg Borg Olivier diġa' hemm partijiet '45 Minutes Timed Parking'.

3.15.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill m'għandux jaċċetta li ma jiġix kkonsultat qabel ma jidħlu fis-seħħ konċessjonijiet ta' dan it-tip.

3.15.5. Is-Sindku G. Micallef qal li Transport Malta kienet sejħet laqgħa mal-Kunsill proprju dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Gorg Borg Olivier, u li matulha l-Kunsill kien għamel diversi proposti. Sfortunatament sal-lum il-Kunsill għadu qatt ma rċieva xi tip ta' feedback jew risposta.

3.15.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li mhux sewwa li ċertu deċiżjonijiet jittieħdu minn wara l-iskrivanija u ma jittieħdux in konsiderazzjoni arranġamenti oħra li diġa' hemm fis-seħħ.

3.15.7. Is-Sindku qal li jista' jagħti l-każ li issa kull stabbiliment japplika għal din it-tip ta' konċessjoni.

3.15.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill se jikteb lil Transport Malta fuq dan il-każ u joġġezzjona għall-fatt li ma ġiex ikkonsultat qabel u ma ttieħdux in konsiderazzjoni arranġamenti li diġa' hemm fis-seħħ f'din it-triq.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC/03/2024 dwar 'Installation of CCTV Systems at all Approaches to Mellieħa Urban Zone' – 06/10/2025;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 24/10/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/09/2025 – 24/10/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-item 5.1.2. tal-minuti tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-28 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand Dr Neville Young – FTS fejn informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet sabiex jiġu riallokati l-Outdoor Gym u l-Kids Area għandhom jibdew fil-ġranet li ġejjin. Hawnhekk is-Sindku qasam mal-membri preżenti il-proposed layouts kif mibgħuta minn Dr Young.

5.1.3. Is-Sindku qal li huwa talab lil Dr Young sabiex l-Outdoor Gym u l-Play Area jsiru f'parti wieħed sabiex potenzjalment il-parti l-oħra tkun tista' tintuża biex jiġi pprattikat l-isport bħal Padel. Fir-risposta tiegħu, Dr Young jidher li ma sabx oġġezzjoni għal dan u din it-talba ser tiġi kkunsidrata.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Hillclimb f'Ta' Pennellu (A/6/3/Vol X)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Hillclimb ippjnat li ssir nhar il-Ħadd, 19 ta' Ottubru 2025 ġiet posposta għal nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2025 minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef qal li fir-rigward tax-xogħlijiet infrastrutturali f'Ta' Masrija, ix-xogħlijiet fi Triq ir-Rattan huma lesti jonqos biss li din tiġi resurfaced bit-tarmak. Sadanittant, huwa qal li għaddejjin ġmielhom ix-xogħlijiet fi Triq il-Fortizza li għandhom jitlestew sal-aħħar ta' din is-sena u jkun jista' jingħata l-ewwel saff ta' tarmak sa dakinhar. It-tieni u l-aħħar saff ta' tarmak jingħata mbagħad f'Jannar 2026, wara l-waqfa għall-festi tal-Milied.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Xogħlijiet Pendenti mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol XIV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li jidher li numru ta' ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi assenjati l-Mellieħa ser jibdew jagħmlu xi xogħlijiet fil-Mellieħa. Fil-fatt jidher li dawn ser jibdew numru ta' xogħlijiet mitluba mill-Kunsill permezz ta' Works Orders, li l-Kunsill għamel lil dan id-Dipartiment.

5.4.3. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tieħu din l-okkażjoni sabiex possibiliment isir xogħol ta' patching fi Triq Mons. Mose' Debono.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)**

5.5.2. Is-Sindku għarraf li l-permessi sabiex il-kuntrattur ikun jista' jagħmel xogħlijiet fit-toroq għadhom ma ngħatawx kollha. Jidher fil-fatt li għandhom ma tawx in-no objection tagħhom Transport Malta u d-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi.

5.5.3. Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li jekk joħorġu l-permessi neċessarji, il-ħsieb huwa li l-proġett jibda f'Diċembru 2025.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1 Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)**

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li l-permessi meħtieġa sabiex il-kuntrattur ikun jista' jagħmel xogħlijiet fit-toroq ħarġu u għaldaqstant il-kuntrattur issa jista' jagħti indikazzjoni ta' meta jista' jibda dan il-proġett u minn liema toroq ser jibda.

5.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1 L-Inizjattiva 'Vjal Kulħadd' u Tisbiħ Madwar il-Kappella tal-Madonna tal-Fidwa, f'Selmun (T/3/6)**

5.7.2 Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-item 5.7.11 tal-minuti tas-seduta preċedenti, dwar il-proposta ta' Dun Ġwann Galea u l-Perit Christian Spiteri li jsir titjib madwar il-Kappella tal-Madonna tal-Fidwa f'Selmun b'rabta mal-proġett ta' Vjal Kulħadd fl-istess triq.

5.7.3. Is-Sindku għarraf li fl-14 ta' Ottubru 2025, Infrastructure Malta aċċettat li tiltaqa' mal-Perit Christian Spiteri li kellu l-opportunità li jippreżenta l-ħsibijiet tiegħu u anke il-kunċett li huwa ħoloq. Infrastructure Malta jidher li għoġobhom il-kunċett kif ippreżentat.

5.7.4. Hawnhekk, is-Sindku qasam mal-membri preżenti r-renders kif ippreparati mill-Perit Christian Spiteri u għarraf li kemm-il darba dan il-proġett jiġi inkorporat mal-proġett ta' Vjal Kulħadd, jista' jagħti l-każ li l-Kunsill ikollu jiffinanzja xi spejjeż addizzjonali li ma jkunux jistgħu jkopru Infrastructure Malta.

5.7.5. Il-membri tal-Kunsill qablu li d-disinn kif ippreparat mill-Perit Christian Spiteri, kien disinn li jixraq ħafna mal-ambjent tal-madwar. Huma qablu wkoll li dan it-titjib ċertament li ħa jagħti valur miżjud lill-inħawi ta' Selmun anke fejn jidħol turiżmu reliġjuż.

5.7.6. Il-Kunsillier E. Bartolo xtaq jirrimarka li l-art madwar il-Kappella tal-Madonna tal-Fidwar hija art pubblika u fil-fatt il-Kappella biss hija proprjetà tal-Kurja tal-Arċisqof.

5.7.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Mixja ta' Tama (A/5/3/Vol XVI)**

5.8.2. Is-Sindku għamel aċċenn għall-Mixja ta' Tama li l-Kunsill organizza nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025 biex jinħoloq aktar għarfien dwar il-mard tas-sider u s-saħħa mentali.

5.8.3. Huwa xtaq jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill u l-membri tal-istaff u lil kull min ipparteċipa u ta donazzjoni b'risq Mental Health Association u Action for Breast Cancer.

5.8.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq ifakkar li nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija, il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Mental Health Association ser jorganizza taħdita dwar 'Mental Health Challenges in a Digital World'.

5.8.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li appena d-donazzjonijiet jgħaddu għand dawn iż-żewġ assoċjazzjonijiet, il-Kunsill iħabbar l-ammonti miġbura pubblikament.

5.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)**

5.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li attività oħra organizzata bil-kollaborazzjoni ta' 'Chess Buddies Malta' ser issir fit-22 ta' Novembru 2025 fis-sala Joseph Borg.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)**

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Planning Commission Meeting ltaqa' fl-24 ta' Ottubru 2025 u fuq l-Agenda tiegħu kien hemm il-permess PA/01788/23 dwar il-proposta ta' Bus Interchange u Landscaping Works.

5.10.3. Madanakollu, s-Sindku qal li l-każ ġie diferit peress li Transport Malta talbet għal aktar żmien biex tiddiskuti din il-proposta.

5.10.4. Is-seduta li jmiss hija skedata għall-5 ta' Diċembru 2025.

5.10.5. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni sabiex jgħarraf li huwa bagħat tfakkira lill-Malta Public Transport dwar il-possibilità li r-rotta 248 tibda tgħaddi mill-Manikata. Sfortunatament, il-Kunsill għadu ma rċeviex tweġiba.

5.10.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1 Esproprjazzjoni ta' Art konfinanti ma' Triq tas-Salib, Triq Salvu Camilleri u Triq Żnuber (P/5/8/Z)**

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef qal li fl-4 ta' Ottubru 2025 huwa bagħat tfakkira għall-ittra li huwa kien bagħat lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex tiġi revokata deċiżjoni li l-Gvern Ċentrali kien ħa sabiex art pubblika tinbiegħ.

5.11.3. Huwa qal li f'din it-tfakkira huwa talab li ssir esproprjazzjoni ta' din l-art sabiex din terġa' tingħata lura lir-residenti tal-Mellieħa.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Xogħol Infrastrutturali minn WSC fi Triq ta' Msid, Triq ir-Ramla tal-Bir, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Armier iż-Żgħir, Triq it-Torri l-Abjad u Daħlet ix-Xmajjar (W/2/Vol IV)**

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-16 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill irċieva imejl mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn intqal li fit-tieni kwart tas-sena 2026, il-Korporazzjoni ser tibda proġett ta' new water fit-toroq msemmija. Hemm il-ħsieb ukoll li jinbidlu l-mains tal-ilma u tad-drenaġġ fi Triq Ta' Msid peress li huma qodma u hemm il-bżonn li jinbidlu.

5.12.3. Is-Sindku qal ukoll li fl-istess imejl, il-Korporazzjoni staqsiet lill-Kunsill jekk kellux informazzjoni fuq il-proġett ta' Caravan Site propost mill-Gvern Ċentrali fl-Aħrax tal-Mellieħa biex il-Korporazzjoni taċċerta ruħha jekk dan il-proġett hux ser jaħbat b'xi mod mal-proġett tagħhom.

5.12.4. Is-Sindku qal li għal dan il-għan, huwa bagħat imejl lill-uffiċċju tal-Prim Ministru fejn talab aktar informazzjoni dwar il-proġett ta' Caravan Site fil-Mellieħa,

5.12.5. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk kienx hemm indikazzjoni li fi Triq l-Imġiebaħ ser isir in-new Water. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

5.12.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Applikazzjoni għall-Iżvilupp PA 01632/25 (PA 03421/22) mill-Mellieħa Holiday Centre (P/5/8/G)

5.13.2. Is-Sindku rrefera għas-silta mill-minuti 5.13.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li din l-applikazzjoni qed tiġi kkunsidrata bħala major project mill-Awtorità tal-Ippjanar u għaldaqstant, irid ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Bord tal-Ippjanar.

5.13.3. Huwa qal li fis-6 ta' Novembru 2025 ser ikun hemm Public Hearing filwaqt li fit-13 ta' Novembru 2025, ir-rappreżentant tal-Kunsill ser ikun jista' jipparteċipa fil-hearing.

5.13.5. Huwa qal li nforma li l-Awtorità tal-Ippjanar li l-Kunsill ser ikun irrappreżentat minnu.

5.13.6. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni sabiex jgħarraf lill-membri preżenti li l-Kunsill permezz tal-Perit C. Carcopardo, għamel rappreżentazzjoni fir-rigward ta' PA 05803/25: "To construct a farmhouse over an existing water reservoir constructed to relieve Triq San Pawl il-Bahar from flooding and covered by PA/2807/16". **(P/5/8/S)**

5.13.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.14.1 Restawr ta' Sculpture Elements - City of Towers Sculpture fejn il-Knisja tal-Manikata (F/1/7/Vol VIII)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef qal li d-Dipartiment tar-Restawr u l-Preservazzjoni għarraf permezz ta' imejl li bagħtu lill-Kunsill, li ser jibdew ix-xogħlijiet ta' restawr tal-iSculpture Elements – City of Towers Sculpture li hemm fejn il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata.

5.14.3. Is-Sindku fakkar li dan il-proġett ser isir permezz tal-iskema SPI/SCI/1/2024 tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Mellieħa Netball Team Tournament u Preżentazzjoni tal-Kits (S/6/Vol IV)

5.15.2. Nhar is-26 ta' Ottubru 2025, il-membri tal-Kunsill kienu mistednin jattendu għat-tournament organizzat mill-Mellieħa Netball Team. Wara l-Kunsill ippreżenta l-kits 'il ġodda lill-membri kollha ta' dan it-tim.

5.15.3. Is-Sindku qal li l-Mellieħa Netball Team apprezzaw ħafna l-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1 Laqgħa mal-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Maria Estate (S/2/Vol VI)

5.16.2. Is-Sindku għarraf li huwa kellu laqgħa mal-kumitat tal-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Maria Estate u fost il-punti diskussi kien hemm:

(a) li l-Kunsill jkompli jaħdem flimkien mal-Pulizija tal-Komunità sabiex aktar sidien ta' vilel jiżbru s-siġar tagħhom li qed jostakolaw bankini u passaġġi pubbliċi;

(b) li l-Kunsill isegwi talba li l-għaqda għamlet lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex isir video networking fis-sistema tad-drenaġġ li hemm f'Santa Maria Estate biex possibiliment jiġu identifikati problemi eżistenti;

(c) il-proposta biex matul Triq Għajn Żejtuna jsiru traffic calming measures minħabba s-sewqan eċċessiv;

(d) il-proposta biex il-Kunsill jintroduċi tabelli li jistabbilixxu l-veloċità tas-sewqan permessibbli fiż-żoni residenzjali; u

(e) il-proposta sabiex fi Triq iż-Żebbuġ isiru speed humps.

5.16.3. Is-Sindku qal li apparti dawn il-punti ġew diskussi diversi materji li iżda ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

5.16.7. Il-Kunsillier E. Bartolo irrimarka li dwar il-proposta biex isiru speed humps fi Triq iż-Żebbuġ, importanti li r-residenti ta' din it-triq ikunu nfurmati u jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq dan ir-rigward.

5.16.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Milied Mellieħi 2025 (A/5/3/6)**

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Milied Mellieħi ser issir bejn il-Ġimgħa 19 u l-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025.

5.17.3. Huwa qal li l-attivitajiet ser jibdew il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025 fil-Manikata u s-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ikomplu f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa. Huwa qal ukoll li dan l-avveniment ser isir b'risq l-Istrina u l-Kunsill ser jieħu ħsieb jiġbor rigali għall-inizjattiva 'Rigal b'Imħabba' u affarijiet tal-ikel b'risq id-Dar tal-Providenza.

5.17.4. Is-Sindku qal li bħalma sar is-sena l-oħra, il-Kunsill ser jagħmel kuntatt mal-għaqdiet lokali kollha sabiex jara kif jixtiequ jikkontribwixxu f'dan l-avveniment.

5.17.5. Dwar il-budget għal din l-attività, is-Sindku qal li l-Kunsill ibbenifika €15,000 mill-iskema finanzjarja Milied 2025 imnedija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li flimkien mal-vot ta' €25,000 li l-Kunsill inkluda fl-Estimi Annwali għal din l-attività jammontaw għal €40,000. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill huwa kommess li jżomm strettament ma' dan il-budget u kemm-il darba l-fondi vvutati ma jintużawx kollha, il-Kunsill jista' jallokahom għaċ-ċelebrazzjoni ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

5.17.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Il-Festa tal-Qara' 2025 (A/5/3/Vol XVI)**

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Festa tal-Qara' li kellha ssir nhar il-Ħadd, 19 ta' Ottubru 2025 ġiet posposta għal nhar il-Ħadd, 2 ta' Novembru 2025 minħabba li l-kundizzjonijiet tat-temp ma ppermettewx.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Malta Young Sailors Competitions 2025 – 2026 (S/4/2/Vol V)**

5.19.2. Saret referenza għall-imejl li l-kumitat tal-Malta Young Sailors bagħat lill-Kunsill dwar il-kompetizzjonijiet Euromed u Europa Cup 2025 – 2026.

5.19.3. Is-Sindku qal li huwa ltaqa' mal-membri tal-kumitat li għarrfuh li din is-sena taħbat il-25 sena edizzjoni u f'din l-edizzjoni mistennija jieħdu sehem madwar 170 parteċipant minn sebgħa u għoxrin pajjiż. Huwa qal ukoll li bħala kollaborazzjoni min-naħa tal-Kunsill jixtiequ assistenza fil-ħruġ tal-permessi neċessarji u fit-tabelli ta' no parking.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Ġnien Pubbliku fi Triq Edmund Halley (P/5/8/E)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsilliera C. Castillo ġew mistiedna minn resident li joqgħod fi Triq Edmund Halley sabiex imorru onsite u jitkellmu miegħu dwar spazju pubbliku li suppost hemm fl-istess triq.

5.20.3. Is-Sindku qal li kif kienu fuq il-post ingħaqdu magħhom numru ta' residenti oħra, li lkoll xtaqu jkunu jafu x'sehem għandu l-Kunsill f'dan il-każ. L-istess residenti qalu li dan l-ispazju pubbliku kellu jiġi żviluppat fi ġnien pubbliku mis-sid tal-proprjetà biswit dan l-ispazju. Fil-fatt insistew li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet inkludiet din il-klawsola fil-permess tal-iżvilupp. Din il-klawsola kienet tgħid li s-sid għandu r-responsabbiltà li jiżviluppa dan l-ispazju fi ġnien pubbliku u mhux jagħlqu kif inhu fil-preżent.

5.20.4. Is-Sindku qal li apparti din il-laqgħa, huwa kellu l-okkażjoni wkoll jitkellem mas-sid tal-proprjetà li tinsab biswit dan l-ispazju. Is-sid spjegalu li bħalissa huwa mhuwiex f'posizzjoni li jiżviluppa dan l-ispazju u peress li dan l-ispazju bħalissa mhux sigur huwa għalqu. Jidher li s-sid meta riċentement xtara l-proprjetà ma kienx infurmat li dak kellu jkun spazju pubbliku u huwa qed jgħid li dik l-art xtraha wkoll. Huwa qal ukoll li apparentement il-Kunsill kien ġie avviċinat mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiddikjara jekk hux lest li jidħol hu għal din il-biċċa art pero' s-Sindku wieġeb li ma nstabet l-ebda korrispondenza tirrelata ma' dan.

5.20.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk dan l-ispazju hux allokat bħala spazju pubbliku u s-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

5.20.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-opinjoni li jekk dan is-sit huwa allokat bħala spazju pubbliku għandu jitħalla bħala tali.

**5.21.1. Ħsarat li ġarrbet l-istruttura antika li hemm fil-bidu ta' Triq il-Qammieħ (R/2/Vol III)**

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill fil-bidu ta' Ottubru 2025 irċieva rapport dwar ħsarat li ġarrbet l-istruttura antika li hemm fil-bidu ta' Triq il-Qammieħ.

5.21.3. Huwa qal li l-Kunsill għamel 'Dangerous Structure Report' mal-Pulizija tal-Qawra u fil-każ daħlet ukoll is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali li qed isegwu l-każ. Huwa jkun f'posizzjoni li jagħti aktar informazzjoni meta jirċievi aktar dettalji.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

**5.22.1. Tisbiħ tat-Turġien fi Triq Gorg Borg Olivier (P/4/17)**

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-item 5.22.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li l-Perit għadu qed jaħdem fuq il-Bill of Quantities u fuq ir-renders taż-żewġ turġien li jinsabu fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.22.3. Huwa qal li appena jkollu r-renders f'idejh, ikun jista' jippreżentahom lill-Kunsill u ssir diskussjoni fuqhom.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5/Vol XVII)**

5.23.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-item 5.23.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti fejn intqal li kellu jiġi ppreżentat r-rendikont finanzjarju ta' x'kien hemm dħul u x'kien hemm ħruġ bħala spejjeż.

5.23.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rendikont kien għadu ma ġiex iffinalizzat minħabba li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex l-invoices kollha u għaldaqstant talbet li r-rendikont jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

5.23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.24.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali, is-Sindku għarraf li wara li sar kuntatt bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jidher li l-proċess t'evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti ingħalaq u bħalissa skatta l-perjodu ta' għaxart ijiem ċans biex wieħed jappella d-deċiżjoni dwar l-għażla tal-kuntrattur.

5.24.3. Huwa infurmat ukoll li appena jgħaddu dawn l-għaxart ijiem, il-Korporazzjoni tkun tista' tistabbilixxi mal-kuntrattur li ser iwettaq dan il-proġett meta ser jibdew ix-xogħlijiet u minn hemm jerġgħu jsiru l-konsultazzjonijiet mal-istakeholders kollha nvoluti.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Tibdil ta' Bus Shelters (B/6/Vol V)

5.25.2. Is-Sindku xtaq jagħti aġġornament dwar it-tibdil ta' numru ta' bus shelters fil-lokalità u qal li d-DNO's saru kollha u l-Awtorità tal-Ippjanar qed tipproċessahom. Huwa qal l-Kunsill irċieva talba minn resident li joqgħod Triq il-Marfa faċċata taċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena li talab biex possibiliment il-bus shelter propost għal dan il-post, jsir ftit aktar 'l isfel minn fejn hemm il-bus stop illum.

5.25.3. Is-Sindku qal ukoll li issa jmiss li l-kumpanija FACES tibda bl-implimentazzjoni ta' dawn il-bus shelters.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa kkonferma mas-SEM li l-Espressjoni t'Interess għall-Youth Worker hija f'idejn il-Kunsill.

5.26.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill ikun jista' jiddiskuti din il-materja, appena l-proġett jiġi approvat.

5.26.4. Il-Kunsillier J. Cauchi ħa din l-okkażjoni sabiex jinkoraġġixxi lill-Kunsill, jipparteċipa fi proġett Erasmus Key Action Framework li jittratta fuq il-'Food Waste'. Huwa qal li dan il-proġett hu immirat primarjament għal nies li jaħdmu fil-qasam tal-catering, fejn dawn jattendu kors apposta biex ikun hemm aktar għarfien dwar 'Food Waste'. Għaldaqstant, huwa talab lill-Kunsill jagħmel il-promożżjoni neċesssarji anke peress li fil-Mellieħa hawn ħafna lukandi u stabbilimenti tal-ikel, u għal dan il-għan jista' jkun hemm persuni interessati jipparteċipaw. Huwa qal li ser ikun qed jgħaddi aktar dettalji lis-Segretarjat tal-Kunsill.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.27.1. Il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jagħmel ringrazzjament lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom sabiex kollox mexa ħarir u mar tajjeb kemm fil-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata kif ukoll fil-Festa tal-Vitorja .

5.27.3. Is-Sindku qal li ringrazzjament speċjali jmur lill-Ispettur Anton Buttigieg li kkordina l-arranġamenti kollha marbuta mal-festi u t-tim tiegħu, lil-LESA u l-uffiċjali tagħha, lil Transport Malta u l-Malta Public Transport għall-koperazzjoni tagħhom kif ukoll lill-ħaddiema tal-Cleansing and Maintenance Division għax-xogħol ta' tindif kollu mwettaq anke f'ħinijiet bħal tard bil-lejl.

5.27.4. Huwa rringrazzja wkoll lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għall-ħidma minn kmieni biex setgħu jsiru l-preparamenti meħtieġa. Hawnhekk huwa stieden lill-membri tal-Kunsill biex min jixtieq jgħaddi xi punti li jistgħu jkomplu jtejjbu l-andament tal-festa s-sena d-dieħla, biex jgħaddihom u tittieħed nota tagħhom.

5.27.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Il-Pubblikazzjoni 'Snajjin' – Ġabra ta' Kitbiet tal-mibki Joseph F. Cachia (P/3/5)

5.28.2. Dwar il-ġabra ta' kitbiet tal-mibki Joseph F. Cachia, is-Sindku għarraf li l-awtur is-Sur David Muscat qed jistenna li jirċievi l-aħħar abbozz mill-istampatur.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Il-Parkeġġ biswit il-lukanda Ramla Bay (H/3/1)

5.29.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Management tar-Ramla Bay Hotel dwar il-parkeġġ li hemm biswit il-lukanda. Huwa qal li mar onsite sabiex seta' jara u jifhem aħjar is-sitwazzjoni fil-preżent.

5.29.3. Is-Sindku qal li bħalissa dan il-parkeġġ huwa xagħri, u jidher li marbut mal-iżvilupp tal-lukanda kien hemm Development Planning Fund li kellu jmur sabiex isir parkeġġ adegwat. Huwa kien tal-opinjoni li l-Kunsill iqabbad Perit li jgħinu jidentifika din il-materja.

5.29.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa jekk dawn ix-xogħlijiet għandux jagħmilhom il-Kunsill.

5.29.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li mhux neċessarjament li l-Kunsill jagħmel ix-xogħlijiet hu, iżda jekk kien hemm xi tip ta' DPF, il-finanzjament irid jagħmlu l-Kunsill. Is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jiċċekkja l-minuti tal-leġislatura preċedenti sabiex jara jekk kienx hemm xi aċċenn għal din il-materja.

5.29.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.30.1. Taraġ il-Landiera (T/4/4/Vol IV)

5.30.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li bagħat tfakkira lil Infrastructure Malta dwar ix-xogħlijiet li Infrastructure Malta kienet assenjat sabiex jittranġa Taraġ il-Landiera.

5.30.3. Is-Sindku qal li milli jidher fil-proċess jonqos biss li Infrastructure Malta tawtorizza li jibdew ix-xogħlijiet.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Traffic Management Ġdid fiż-żona Tal-Ibraġġ (T/3/2/Vol XIX)

5.31.2 Dwar it-traffic management ġdid kif propost mill-Kunsill għaż-żona Tal-Ibraġġ, is-Sindku qal li Transport Malta qablet mal-prinċipju iżda talbet li l-Perit tal-Kunsill jippreżenta block plan li fuqha jkun hemm indikat din il-proposta.

5.31.3. B'żieda ma' dan, is-Sindku qal li l-Kunsill talab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex matul Triq il-Qortin jitwaħħlu numru ta' bollards sabiex possibiliment tissolva l-problema ta' sewqan eċċessiv f'din it-triq. Huwa qal li Transport Malta talbet li l-Kunsill jikkonsulta mar-residenti qabel ma tkun tista' tikkunsidra din it-talba. Għal dan il-għan, huwa qal li għandha tintbagħat ittra lir-residenti kif mitlub.

5.31.4. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tistaqsi jekk it-tabelli sabiex ma jgħaddux 'Heavy Vehicles' minn Ix-Xatt ta' Santa Marija għadhomx fil-post u hux qed jiġu infurzati. Is-Sindku wieġeb li t-tabelli għadhom fil-post iżda dwar l-infurzar issuġġerixxa li jsir kuntatt mas-Surġent tal-Mellieħa sabiex possibiliment isiru aktar spezzjonijiet f'dawn l-inħawi.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

## 5.32.1. PA 0371/24 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq il-Miġbħa, Triq is-Sagħtar, u Wesgħat in-Narċis (P/5/8/M)

5.32.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar il-Ħamis, 9 ta' Ottubru 2025, kien hemm is-smiegħ tal-Appell Nru: 00003/25 dwar PA/00371/24 li bħala appellant kien hemm Kunsill Lokali Mellieħa et al. Huwa qal li għal dan is-smiegħ kien hemm preżenti b'mod virtwali flimkien miegħu l-Kunsilliera L. Darmanin u s-Segretarju Eżekuttiv.

5.32.3. Huwa qal li aggravje ppreżentati mill-Kunsill twaqqgħu kollha u l-appell ġie miċħud.

5.32.4. Huwa qal ukoll li l-avukat tal-Kunsill kellha għoxrin jum sabiex tappella u fl-opinjoni tiegħu għad baqa' aggravje fuq hiex il-Kunsill jista' jipproċedi.

5.32.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mat-tweġiba tas-Sur Bartolo.

## 5.33.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.33.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li fid-9 ta' Ottubru 2025, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tat l-awtorizazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel is-sejħa għall-Administration Officer II fi Skala 10.

5.33.3. Għal dan il-għan, is-Segretarju Eżekuttiv intalbet tfassal is-sejħa skont ir-rekwiżiti stipulati fil-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali fil-Kunsilli Lokali u fil-Kunsilli Reġjonali flimkien ma' lista tar-Responsabilitajiet.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.34.1. Jum il-Kunsill 2025 (A/5/3/1/Vol XXIV)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li ħarġet is-sejħa għan-nominazzjonijiet 'Ġieħ il-Mellieħa' u 'Rikonoxximent il-Mellieħa'. Id-data tal-għeluq hija l-Ġimgħa, 14 ta' Novembru 2025.

5.34.3. Huwa għarraf ukoll li d-data proposta għaċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill hija nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025 u qed tiġi ppreparata is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-użu ta' sala adattata għal dan l-avveniment.

5.34.4. Is-Sindku qal li l-format tas-serata ħa jkun simili bħas-snin preċedenti bid-differenza li din is-sena ser ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-Kunsill tat-Tfal.

5.34.5. Il-Kunsilliera C. Castillo ssuġġerit li membri tal-Kunsill tat-Tfal jistgħu jagħmlu preżentazzjoni ta' wieħed mill-unuri.

5.34.6. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' anke jippreżenta plakka ta' rikonoxximent lill-Kunsill tat-Tfal.

5.34.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li Jum il-Kunsill ta' din is-sena jsir taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Dr Myriam Spiteri Debono. Għal dan il-għan kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat stedina uffiċjali lill-President ta' Malta.

### 5.35.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.35.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li s-Sur D. Attard bħala Procurement Manager, beda jaħdem fuq is-sejħa għall-offerti biex ikun jista' jsir l-intervent imsemmi.

5.35.3. Hija qalet li appena d-dokument tal-offerta jkun lest, jintbagħat lill-uffiċċju responsabbli mill-Green Public Procurement għall-verifika u l-approvazzjoni tagħhom. Wara, ikun jista' jiġi ppubblikat l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar is-sejħa pubblika u d-dokument jittella' fuq is-sistema tal-epps.

.

5.35.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.36.1. Inizjattiva 'New Borns' (A/3 Vol IV)

5.36.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-inizjattiva 'New Borns' mnedija minn dan il-Kunsill, fejn il-Kunsill iħawwel siġra għal kull wild li l-familji Melleħin ikollhom.

5.36.3. B'rabta ma' din l-inizjattiva, huwa qal li talab lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jipprovdi statistika bbażata fuq is-sena 2024. Fil-fatt huwa qal li numru ta' trabi li twieldu minn familji li joqogħdu l-Mellieħa u l-Manikata fl-2024, kien jammonta għal mija u erbgħa u għoxrin wild.

5.36.4. Għal dan il-għan huwa qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li din l-inizjattiva tiġi implimentata u possibiliment ikun hemm is-sehem tal-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin u Ambjent Malta.

5.36.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.37.1. Sejħa għall-Offerti dwar *'Supply and installation of a CCTV System including civil works, light services, power services and CCTV system at four different locations within the locality of Mellieħa' (C/9)*

5.37.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li fil-laqgħa tal-Kumitat t'Evalwazzjoni li saret fis-6 ta' Ottubru 2025, il-Kumitat t'Evalwazzjoni qabel li jirrakkomanda dan li ġej:

***4.0 Rakkomandazzjoni tat-Tender Evaluation Committee***

*4.1. Wara li ġew evalwati t-tliet sottomissjonijiet, it-Tender Evaluation Committee qabel li jirrakomanda li:*

*"The Financial Offers of the Administratively and Technically Compliant bids were compared to the Estimated Procurement Value (without Potential Costs) available for the contract. This cheapest administratively and technically offer falls on the departmental budget of EURO 40,975.00 that was allotted for this tender. Pursuant to the above the evaluation committee recommends the tender is awarded to Alberta Fire and Security Equipment Limited (Offer number 000220416), for the amount of EURO 35,782.02 exclusive of VAT, this being the cheapest compliant offer. It is confirmed that the recommended offer is fair and reasonable."*

*4.2. It-TEC qabel ukoll li jgħaddi r-rakkomandazzjoni u kopja tal-Evaluation Report lil kull membru tal-Kunsill fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.*

5.37.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat t'Evalwazzjoni.

## 5.38.1. Ippjanar ta’ Proġetti (P/4/3/Vol IV) (D/3/1/Vol XIV) (P/4/15/2) (P/4/14/Vol III) (P/4/23)

5.38.2. Is-Sindku G. Micallef issuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal servizz ta’ Inġinier, sabiex ikun jista’ jibda l-proċess biex tinbidel is-sistema ta’ floodlighting madwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

5.38.3. Huwa qal ukoll li proġett ieħor li jixtieq li jiskatta huwa l-proġett fejn isiru mill-ġdid il-bankini tat-toroq prinċipali tal-Mellieħa. Huwa qal li saru tentattivi kemm mal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex dawn ix-xogħlijiet isiru waqt ix-xogħlijiet li ħa jkollhom għaddejjin f’dawn it-toroq iżda din it-talba sfortunatament ma ntlaqatx. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jibda x-xogħol preparatorju minn issa sabiex fil-Budget tal-Kunsill għas-sena 2026, dawn ix-xogħlijiet inkunu nklużi.

5.38.4. Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħtieġa li l-latrina pubblika fir-Ramla tal-Mixquqa taqa’ u tinbena mill-ġdid. Huwa qal li dan huwa proċess li għandu jinbeda wkoll. Huwa ħa din l-okkażjoni sabiex jgħarraf li l-MOU dwar iż-żamma ta’ latrini pubbliċi mal-Cleansing and Maintenance Division għadu ma ġiex iffirmat iżda ser jara sabiex issir laqgħa.

5.38.5. Dwar il-proġetti tal-Ġonna Pubbliċi ewlenin fosthom Triq l-Erwieħ Playing Field u Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, is-Sindku qal li l-Perit M. Casha għamel is-survey plans u qed jaħdem fuq disinn u kunċett adattat.

5.38.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.39.1. Kontroll tal-Bagħal taż-Żunżan (Hornets) (P/12)

5.39.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa biex jikkontrolla l-ammont tal-Bagħal taż-Żunżan li kulma jmur qed jiġi nnutat li qed jiżdied f’diveri inħawi tal-lokalità.

5.39.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li minħabba d-domanda li l-Kunsill għandu, ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex ikun jista’ jixtri bramel apposta bil-bait ġo fihom għal meta l-bagħal taż-żunżan ikun ġie osservat fi spazji pubbliċi kif ukoll meta jintalab jintervjeni fejn tkun ġiet identifikata fejn qegħda l-bejta.

5.39.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.40.1. Installazzjoni ta’ Easipik Parcel Locker (L/1)

5.41.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva talba minn Maltapost plc sabiex jindika post/spazju fejn Maltapost plc tkun tista’ tinstalla Easipik Parcel Locker fil-lokalità. Hija qalet li l-ispazju jrid ikun mgħammar b’cameras tas-sigurtà.

5.41.2. Kien hemm qbil bejn il-membri tal-Kunsill, li l-Kunsill jissuġġerixxi l-Ġnien tas-Salib.

## 5.41.1. Installazzjoni ta’ Camera ta’ Sigurtá (CCTV) fejn l-iBins fi Triq Ta’ Fuq il-Migduma (C/9)

5.41.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 29 ta’ Ottubru 2025, mingħand is-Sur Neil Seychell – Operations Inspector ta’ GreenPak Coop Society Ltd dwar proposta sabiex titwaħħal camera tas-sigurtà fi Triq Ta’ Fuq il-Migduma. Dan bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà f’dawn l-inħawi speċjalment fejn hemm l-iBins. Din il-camera li ser taħdem bis-solar, ser titwaħħal minn GreenPak iżda l-Kunsill irid jipprovdi l-arblu li ser teħel fuqu.

5.41.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma’ din il-proposta.

## 5.42.1. WAW Water Dispensers fil-Lokalità (W/2/Vol IV)

5.42.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa għamel talba lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, dwar il-possibilità li fil-lokalità jitwaħħlu numru ta' 'water fountains'.

5.42.3. Huwa talab li l-membri tal-Kunsill jaqsmu l-ideat tagħhom fuq din l-inizjattiva. Huwa spjega li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tieħu ħsieb il-provvista u l-installazzjoni u l-ispejjeż involuti huma €2,956 (excl. VAT) għal kull unit u €43.48 (excl. Vat) spejjeż fix-xahar.

5.42.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li apparti l-pjazez ewlenin tal-Mellieħa, hija taħseb li anke l-Bajja tal-Għadira huwa post adattat biex ikun hemm unit ta' dan it-tip.

5.42.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.43.1. Il-Fortizza ta' Campbell, f'Selmun (P/5/3)

5.43.2. Is-Sindku għarraf li fl-4 ta' Ottubru 2025, huwa bagħat tfakkira lill-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi dwar il-kundizzjoni ta' Forti Campbell u l-periklu li jeżisti minħabba l-istat tagħha. Huwa qal li dakinhar stess l-Onor. S. Zrinzo Azzopardi wieġbu li ser ikun qed jgħaddi l-imejl tiegħu lill-Onor. Owen Bonnici – il-Ministru responsabbli mill-Awtorità tal-Artijiet.

5.43.3. Is-Sindku qal ukoll li għalkemm il-Gvern Ċentrali ħabbar li fil-budget tiegħu għas-sena 2026 ser ikun qed jiffinanzja proġett fejn qed jiġi propost li Forti Campbell jiġi park nazzjonali, huwa xorta jemmen li l-Kunsill għandu jibqa' jagħmel pressjoni minħabba l-periklu li jeżisti.

5.43.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill għandu jibqa' jagħmel pressjoni wkoll fuq il-Palazz ta' Selmun.

5.43.5. Is-Sindku G. Micallef xtaq jirrimarka li l-posizzjoni tal-Kunsill minn dejjem kienet u ser tibqa' li:
- (i) jagħmel il-pressjoni neċessarja fuq l-awtoritajiet konċernati;
- (ii) jinkludi lill-Ombudsman sabiex ikun jista' jissalvagwardja l-posizzjoni tal-Kunsill;
- (iii) l-Kunsill jibqa' jagħmel dak kollu li jista' fir-remit tiegħu.

5.43.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa jemmen li l-pubbliku għandu jkun jaf x'inhu jagħmel il-Kunsill f'dan ir-rigward.

5.43.7. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa jemmen li l-Kunsill m'għandux iċedi għal ċertu pressjoni li qed issir fuq il-Kunsill fejn anke qed jingħad li l-Kunsill mhu qed jagħmel xejn fuq din is-sitwazzjoni.

5.43.8. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li anke l-Kunsilli preċedenti minn dejjem għamlu pressjoni fuq l-awtoritajiet konċernati.

5.43.9. Is-Sindku qal li jekk Alla ħares qatt iseħħ xi inċident u jkun hemm każ il-Qorti, il-Kunsill ikun jista' juri l-korrispondenza kollha li għandu f'idejh u li ntbagħtet lill-awtoritajiet konċernati.

5.43.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.44.1. Titjib tal-Cordoning madwar il-konfini ta' Foresta 2000 (A/4)

5.44.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 27 ta' Ottubru 2024 minn Ambjent Malta li talbu li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar proġett li huma għandhom fejn ser isir titjib tal-cordoning li jdawwar il-konfini ta' Foresta 2000 fi Triq il-Marfa.

5.44.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.45.1. Proposta biex Triq il-Miżieb Titwessa' (T/3/2/Vol XIX)

5.45.2. Is-Sindku għarraf li fl-4 ta' Ottubru 2025 huwa bagħat tfakkira lill-Onor. Chris Bonnett – Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi biex possibiliment Triq il-Miżieb titwessa'.

5.45.3. Huwa xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jgħarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bejn it-28 u t-30 ta' Ottubru 2025, ser tkun qed tagħmel xogħlijiet fi Triq il-Wilġa u din ser tkun magħluqa għat-traffiku. It-trasport pubbliku mhux ser ikun affettwat u ser ikun hemm uffiċjali ta' Transport Malta jikkordinaw it-traffiku fl-inħawi tal-madwar. **(W/2)**

5.45.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 3/2024, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'Supply and installation of a CCTV System including civil works, light services, power services and CCTV system at four different locations within the locality of Mellieħa';***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tat-tliet offerti sottomessi, skont il-minuti tas-6 ta' Ottubru 2025; u***

***Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 7312 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2025;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Alberta Fire & Security Equipment Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €42,222.78 bit-taxxa miżjuda.". (C/9)***

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 24 ta' Ottubru 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' Settembru 2025 u l-24 ta' Ottubru 2025.

7.1.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fit-8.00pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Novembru 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Segretarju Eżekuttiv**